KUNSILL LOKALI
GHASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 25**

Il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Salbia | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 25.1 Talba

25.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 25.2 Ittri ta' Apoloġija

25.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 25.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

25.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa pubblika numru 24 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

25.4.1 Korrispondenza mir-Reġjun – Sena tal-Gastronomija 2026. Għal din l-iskema hemm allokat €5,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

25.4.2 *Email* mill-*Cultural Heritage Directorate* rigward laqgħa li ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2026, fil-11:00am bit-tema Għal Għawdex – Infrastruttura.

25.4.3 *Email* mingħand JP2 Foundatation datata 9 ta' Marzu 2026, sabiex jittella' kunċert qabel il-festa tar-raħal li jammonta għal €730. Il-kunsilliera Elizabeth Mintoff qalet li l-Arċipriet jaqbel li jittella' tali kunċert. Il-kunsilliera qablu li tali kunċert għandu jkun iffinanzjat mill-Kunsill.

25.4.4 *Email* mingħand id-Direttur Ġenerali Dipartiment Gvern Lokali datata 25 ta' Frar 2026 rigward *Sidewalk Libraries in your Locality* fejn qed jiġi suġġerit li ssir librerija fl-apert. Il-kunsilliera ma qablux ma tali proposta.

25.4.5 *Email* mingħand *Transport Malta* datata 17 ta' Marzu 2026 rigward id-*Designated Restricted Area (swimming zone).* Il-kunsilliera qablu li għandha timtela l-applikazzjoni minħabba s-*swimming zone* f'Wied l-Għasri u tkun bħal tas-sena li għaddiet. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni li s-sena l-oħra x'ħin marru jiġbru l-ħabel, sabuh maqtugħ u għalhekk irid jerġa jinxtara.

25.4.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba talab li ssir talba għall-palk sew għall-festa tal-l-lokalità u sew għall-attività *Traditions: Wine, Olive Oil and Honey.* Il-Kunsilliera qablu ma tali talba.

25.4.7 Is-Sindku nforma li reġa' kellem lill-Inġinier tal-*Water Services*

*Corporation* sabiex LA's ta' Triq Wied Sara ma jibqgħux fuq il-kunsill iżda jduru fuq il-kuntrattur.

## 25.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li issa hemm żewġ ħaddiema ġodda tal-*Community Workers Scheme* assenjati mal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk humiex ser jieħdu l-*allowance* bħal ħaddiema l-oħra tal-*Community Workers Scheme*. Il-kunsilliera qablu li kollha għandhom jieħdu l-*allowance*.

25.5.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk irċivejniex *email* rigward skema mingħand *Project Green*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ma rċivejna xejn.

25.5.3 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk hux ser tingħata għajnuna finanzjara bħas-snin ta' qabel għall-festa tar-raħal. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata għajnuna finanzjara bħas-snin ta' qabel.

## 25.6 Skemi ta' Finanzjament 2026 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali;

25.6.1 SPI.SCI.01.2026 – Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2026. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €20,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

25.6.2 SPI.SCI.02.2026 – Finanzjament lokalitajiet Aktar Nodfa 2026. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €1,500. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

25.6.3 SPI.SCI.03.2026 – Finanzjament Attivitajiet Milied 2026. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €15,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

25.6.4 SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €30,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill mhux ser japplika għal tali skema.

25.6.5 SPI.SCI.05.2026 – Finanzjament Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta Kwalità 2026. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €100,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

25.6.6 SPI.SCI.06.2026 – Finanzjament Karnival 2027. Għal din l-iskema hemm allokat massimu ta' €5,000. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill għandu japplika għal tali skema.

## 25.7 *Bring-in site* fi Triq il-Fanal*;*

25.7.1 Rappreżentant mill-LESA bagħat vidjow fejn qed turi persuna li qed tarmi xi żibel ħdejn il-*bring-in site*. Il-Kunsilliera qablu li l-persuna għandha tiġi mitkellma sabiex din ma tibqax tpoġġi ż-żibel hemmhekk.

## 25.8 *One way* Triq Salvu Gambin;

25.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li Transport Malta reġgħu talbu xi modifi fit-*traffic management plan* (*email* datata 5 ta' Marzu 2026) relatat mal-*one way* ta' Triq Salvu Gambin. Huwa nformhom ukoll li ser issir laqgħa nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2026 fit-8:30am, mal-Perit tal-Kunsill, mal-Perit ta' Transport Malta, u anke s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun preżenti.

## 25.9 Aġġornament Polza ta' Assigurazzjoni;

25.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa ma kellux risposta mingħand il-kumpanija tal-assigurazzjoni rigward il-*Group Personal Accident* u l-polza li tkopri l-flus, sabiex dawn jiġu nklużi mal-SME. Minħabba tali nuqqas ta' risposta, sew il-*Group Personal Accident* u l-polza li tkopri l-flus ġew mġedda mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 25.10 Proposta reklamar tal-attivita *Traditions: Wine, Olive Oil and Honey*;

25.10.1 *Email* mingħand Jessica Catania (Gwida.mt) datata 11 ta' Marzu 2026 rigward proposta ta' reklamar għall-attività *Traditions: Wine, Olive Oil and Honey,* li tammonta għall-prezz ta' €900 (mingħajr VAT). Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi aċċettata tali proposta sabiex ikun hemm reklamar adegwat għall-attività.

## 25.11 Materji Oħra

25.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li huwa rrisponda l-*email* ta' Jason Zhang rigward *Memorandum of Understanding* sabiex tingħata aktar informazzjoni. Huwa rrisponda li dawn ikunu f'forma ta' *lectures* u *health demonstrations.*

25.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li *Transport Malta* ma bagħtux l-*email* bil-proposta iżda waqt l-laqgħa li saret kien ġie suġġerit li r-rotta tas-servizz tat-trasport pubbliku tingħaqad mal-lokalita taż-Żebbuġ. Il-Kunsilliera ma qablux ma tali proposta.

25.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ż-żmien għall-appell mid-deċiżjoni finali għat-*Tender* tal-Perit huwa sas-27 ta' Marzu 2026.

25.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien irċieva *statement* ta' pagamenti li għadhom ma tħallsux relatati ma xogħolijiet li saru fi snin preċedenti. Minn verifiki li saru jidher li xi kontijiet għadhom ma tħallsux. Il-kunsilliera qablu li għandha ssir verifika mal-*accountant* u jekk huwa minnu, tali jkunu jistgħu jitħallsu.

25.11.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien hemm xi problemi fis-CCTV's li hemm fir-raħal u li huwa nforma lill-aġent li nstallhom u ser jieħu ħsieb sabiex jirranġa il-ħsarat.

25.11.6 Il-Kunsilliera qablu li l-attività tal-*Police Day* issir il-Ħadd 31 ta' Mejju 2026.

25.11.7 Nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 ser issir laqgħa online ma Elizabeth Ebejer minħabba l-librerija.

25.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li resident ġie jikkomplenja rigward l-isem ta' triq li twaħħal riċentement fejn qal li t-tabella li twaħħlet mhix bħal karta li saret temporanjament. Ġie muri ritratt bil-karta mwaħħla fejn jidher ċar li l-isem tat-tabella huwa l-istess bħal tal-karta mwaħħla temporanjament.

**25.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

25.12.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-22 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**25.13 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

25.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 t' April 2026 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tnejn 13 t' April 2026.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |